

Brussell, 18 ta' Diċembru 2023
(OR. en)

16773/23

LIMITE

ENER 696

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti (Parti 1)/Kunsill
Suġġett:	Konklużjonijiet Ministerjali tal-Grupp ta' Livell Għoli dwar il-Konnettività tal-Enerġija fl-Ewropa Ċentrali u tax-Xlokk - Awtorizzazzjoni biex jiġi ffirmat strument mhux vinkolanti

1. Fil-5 ta' Lulju 2023, il-Kummissjoni infurmat lill-Grupp ta' Ħidma dwar l-Enerġija bl-intenzjoni tagħha li tapprova f'isem l-UE l-Konklużjonijiet Ministerjali tal-Grupp ta' Livell Għoli dwar il-Konnettività tal-Enerġija fl-Ewropa Ċentrali u tax-Xlokk¹.
2. Fit-18 ta' Lulju 2023, il-Grupp ta' Ħidma dwar l-Enerġija ddiskuta l-approċċ propost mill-Kummissjoni, bil-fehim li l-Kummissjoni ser tinforma lill-Grupp ta' Ħidma dwar il-progress fin-negozjati dwar il-Konklużjonijiet Ministerjali mal-partijiet ikkonċernati u ser terġa' lura għand il-Kunsill fi tmiem il-proċess tan-negozjati biex tfittex l-awtorizzazzjoni tal-Kunsill biex tapprova l-Konklużjonijiet Ministerjali tal-Grupp ta' Livell Għoli dwar il-Konnettività tal-Enerġija fl-Ewropa Ċentrali u tax-Xlokk f'isem l-UE.
3. Fit-18 ta' Settembru 2023, il-Kunsill awtorizza lill-Kummissjoni biex tinnegozja dawn il-Konklużjonijiet Ministerjali f'isem l-UE (ST 11974/23).

¹ WK 9153/23.

4. Fit-12 ta' Diċembru 2023, il-Grupp ta' Ħidma dwar l-Enerġija ddiskuta t-test tal-abbozz ta' Konklużjonijiet Ministerjali kif jinsab fid-dokument WK 16510/23. Ftit Stati Membri kellhom xi kummenti. Dawn ġew solvuti mingħajr ma nbidel it-test.
5. Bejn it-13 u l-15 ta' Diċembru, it-test ġie ppreżentat lill-Grupp ta' Ħidma dwar l-Enerġija għal konsultazzjoni informali bil-miktub. Ma kien hemm l-ebda oġġezzjoni.
6. Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa mistieden biex:
 - jikkonferma l-qbil tiegħu dwar it-test tal-Konklużjonijiet tal-Kunsill, kif jinsab fid-dokument ST 16776/23;
 - jistieden lill-Kunsill jawtorizza lill-Kummissjoni biex, fisem l-Unjoni, tiffirma l-Konklużjonijiet Ministerjali tal-Grupp ta' Livell Għoli dwar il-Konnettività tal-Enerġija fl-Ewropa Ċentrali u tax-Xlokk fil-laqgħa Ministerjali tas-CESEC fid-19 ta' Jannar 2024 f'Ateni, il-Greċja, kif jinsabu fid-dokument ST 16776/23, soġġett għal aġġustamenti żgħar possibbli bħala riżultat tan-negozjati mas-sħab rilevanti, iżda mingħajr bidliet fis-sustanza.